## Prevenzjoni mill-Epatite B

- Ħu t-tilqima tal-Epatite B. Din it-tilqima tikkonsisti minn tliet injezzjonijiet li jittieħdu matul perjodu ta' żmien stabbilit. Din it-tilqima tingħata b'mod regolari lit-tfal bħala parti mill-Iskeda tal-Immunizzazzjoni Nazzjonali, mingħajr ħlas.
- Tisselifx labar, mgħaref jew prattiċi ta' teħid ta' droga mill-imnieħer li jintużaw għall-użu tad-droga.
- Tisselifx xfafar tal-leħja, xkupilji tas-snien jew oġġetti personali oħra li jinvolvu kuntatt ma' demm infettat.
- Dejjem uża l-kondoms waqt relazzjonijiet sesswali.
- Mur biss għand ħwienet tat-tatwaġġi, tal-akupuntura u tal-*body piercing* li huma liċenzjati u li jużaw tagħmir sterilizzat.

## Kura għall-Epatite B

Il-persuni kollha li huma infettati jmorru b'mod regolari għal viżti għand tobba speċjalizzati biex isirulhom testijiet tad-demm u eżamijiet fiżiċi għall-moniteraġġ tal-vajrus, anki jekk ma tkun qed tingħatalhom l-ebda kura.

Terapija b'Interferon hija waħda mill-kuri offruti lill-persuni li huma infettati bl-Epatite B. Il-mediċina tista' tittieħed ukoll b'mod orali. In-nisa għandhom jevitaw li jinqabdu tqal waqt il-kura.

Persuni infettati jingħataw parir biex jevitaw il-konsum tal-alkoħol, u jiġu mħeġġa biex jieklu ikel li huwa tajjeb għas-saħħa u biex kemm jista' jkun jistrieħu.

L-Epatite B

## Għajnuna disponibbli

- Tabib tal-familja (GP)
- Il-Klinika ĠenitoUrinarja (GU clinic) fuq **21227 981**
- Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fuq **2326 6000**

**www.ehealth.gov.mt**
Search for Infectious Diseases Prevention and Control Unit under the Public health drop down menu.

Informazzjoni miġbura minn **Joanne Farrugia**
Disinn ta' **Stefan Attard**

SAĦĦTEK għal qalbna

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, www.ehealth.gov.mt

Ⓟ 2012

Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

# L-Epatite B

HEP B

**L-Infezzjoni tal-Epatite B**

L-Epatite B (HBV) hija infezzjoni virali li tikkawża infjammazzjoni tal-fwied. L-Epatite B tigi trażmessa mid-demm, u minn likwidi oħra tal-gisem.

**Epatite Akuta:** tista' ddum minn ftit ġimgħat sa ftit xhur. Ħafna nies b'infezzjoni akuta jirkupraw kompletament, u ma jkollhom l-ebda problemi ta' saħħa fit-tul.

**Epatite Kronika:** tista' tibqa' fuq il-persuna tul ħajjitha kollha. Infezzjoni bħal din tista' twassal għal ħsara fil-fwied, insufficjenza tal-fwied, kanċer tal-fwied u saħansitra għall-mewt.

## Sinjali u Sintomi ta' Infezzjoni tal-Epatite B

- Deni
- Għeja
- Nuqqas ta' aptit
- Dardir
- Rimettar
- Ugigħ fiż-żaqq
- Awrina skura
- Ugigħ fil-ġogi
- Suffejra (meta l-abjad tal-għajnejn isir isfar, il-ġilda ssir safra, l-awrina ssir skura u l-ippurgar ikun ta' kulur ċar).

**Perjodu ta' inkubazzjoni** (il-perjodu ta' żmien bejn meta sseħħ l-espożizzjoni għall-vajrus u meta s-sinjali u s-sintomi jibdew jidhru ghall-ewwel darba) anki wara biss ġimagħtejn, iżda bħala medja dan huwa ta' bejn 60 u 90 jum. Jista' jdum ukoll bejn 6 xhur u 9 xhur.

L-Epatite B

## Testijiet Dijanjostici:

- Test tad-demm (li jiġi ripetut skont il-perjodu ta' inkubazzjoni)
- Test tal-funzjoni tal-fwied
- Bijopsija tal-fwied.

## L-Epatite B hija komuni fost:

- Persuni li jabbużaw mid-droga li tittieħed ġol-vina b'siringa
- Persuni li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' aktar minn persuna waħda
- Irgiel li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra
- Persuni barranin minn żoni endemiċi
- Prostituti u persuni li xogħolhom jinvolvi atti sesswali
- Persuni li jkollhom infezzjonijiet oħra li jittieħdu permezz ta' atti sesswali





## Kif tista' tigi infettat/a bl-Epatite B?

- Jekk tissellef siringi użati għall-abbuż tad-droga mingħand persuni oħra





L-Epatite B

- Jekk tagħmel sess bla protezzjoni xierqa ma' persuna infettata
- Jekk tuża xfafar tal-leħja u xkupilji tas-snien ta' persuni infettati
- Jekk tigi f'kuntatt ma' ammont sufficjenti ta' demm infettat. Demm infettat bhal dan irid jidħol fil-ġisem minn qasma fil-ġilda.
- Jekk tuża tagħmir tat-tatwaġġi, tal-akupuntura, tal-elettroliżi jew tal-*body piercing* li ma jkunx sterilizzat.
- Minn omm infettata lit-tarbija tagħha waqt it-welid.
- Tingiż aċċidentali bl-labar f'kuntesti ta' kura tas-saħħa
- Għodda li tintuża fi proċeduri dentali u mediċi li jkun ikkontaminat u li ma jkunx ġew sterilizzat kif suppost.







L-Epatite B ma tistax tigi trażmessa permezz ta' tgħanniq, bews, sogħla, għatis, tislif ta' pożati, tazzi tax-xorb jew treddigħ.

L-Epatite B